MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Numru 928/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**versus**

**Philip Micallef u**

**Steven Micallef**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Philip Micallef ta’ 52 sena bin il-mejjet James u l-mejta Maria Louisa nee Gatt imwieled Żebbuġ bid-data tat-twelid 26 ta’ Jannar 1951 u joqgħod Sardinella Sqaqa il-Qenċ Triq l-Imdina Żebbuġ bin-numru ta’ l-identitat’ 146651 (M)

U

Steven Micallef Zammit ta’ 26 sena bin Philip u Mary Anne Zammit imwieled Attard fl-4 ta’ Settembru 1977 u joqgħod Carmel Court Flat 2 Triq Ħal-Dwin Żebbuġ bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 507577 (M)

Akkużati talli nhar l-20 t’Ottubru 2003 f’Ħaż-Żebbuġ għall-ħabta tal-11.00am

(a) volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħadd ieħor mobbli jew immobbli cioe’ fil-fond li jinsab ġewwa numru 48 Saitn Joseph Triq Vassalli Żebbuġ għad-detriment ta’ Michael Micallef għall-valur ta’ aktar minn elf lira Maltija (Lm1000);

(b) u aktar talli bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom fixklu lil Michael Micalelf fil-pussess ta’ ħwejġu jew iħott bini jew b’xi mod ieħor kontra l-Liġi indaħlu fi ħwejjeġ ħadd ieħor cioe’ Michael Micallef;

(ċ) u aktar talli fl-istess data, lok u ħin u ċirkostanzi volontarjament ikkaġunaw offiża ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Michael Micallef hekk kif iċċertifika t-Tabib Causon MD ġewwa l-poliklinika tal-Floriana kif ukoll it-Tabib Godfrey Farrugia MD

(d) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxen jew indeċenti jew għamlu ġesti oxxeni jew b’xi mod ieħor mhux ipprovdut f’dan il-Kodiċi, offendew il-morali u l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika;

(e) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr ma darbu jew sawtu, heddew b’ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddbu jew qabdua rmi oħra kontra l-imsemmi Michael Micallef;

(f) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qalu kliem insolenti li jikkonsisti f’dagħa;

(ġ) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika;

Il-Qorti ntalbet biex f’’każ ta’ ħtija tapplika l-provvedimenti li hemm fl-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina penali taż-żewġ imputati, iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom; il-verbal a fol 7 fejn il-Qorti awtorizzat korrezzjoni billi daħħlet il-kelma ‘2003’ wara l-kelma ‘Ottubru’ u d-difiża tat ruħha notifikata b’din il-bidla; il-verbal a fol 8 fejn Dr. Giglio għad-difiża minħabba l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni esebixxa ċ-ċitazzjoni oriġinali li ġew notifikati biha l-imputati waqt li l-prosekuzzjoni kkonfermat li ċ-ċitazzjoni oriġinali kienet dik li biha l-imputati ġew notifikati; ir-risposti ta’ l-imputati li mhux ħatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontriehom a fol 12 u 13; iċ-ċertifikati rilaxxjati mill-Perit u Arkitett S Borg li jidhru a fol 26 u 27; l-istqarrija ta’ Steven Micallef magħmula fil-31 ta’ Ottubru 2003 a fol 28 u 29; l-istqarrija ta’ Philip Micallef magħmula fit-30 ta’ Ottubru 2003 a fol 31 et; iċ-ċertifikat rilaxxjat mit-tabib Causon a fol 35; il-quotation magħmula minn Victor Fenech Construction a fol 36 et u dik tal-World Marketing Services a fol 39 u ta’ Tanti Ironmongery a fol 40 kif wkoll ta’ Kodak Express Image Centre a fol 41; l-okkorrenza a fol 46; il-kopja taċ-ċitazzjoni li biha gew notifikati l-imputati li tidher a fol 65 u 66; il-ħatra tal-perit Godwin Abela sabiex jikkonstata l-ħsarat kollha li kienu riżultat ta’ l-incident a fol 72 tal-process; il-verbal a fol 75 fejn id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella lix-xhieda dwar r-riċevuti kollha kif preżentati fl-atti odjerni anke dawk rigwardanti l-allegati ħsarat; l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol 134 u t-tweġiba ta’ l-imputati illi għażlu li jibqgħu quddiem din l-istess Qorti ghal pro eduri sommarji, fol 135; is-sett tar-ritratti ppreżentati minn Philip Micallef fis-seduta tal-15 ta’ Ġunju 2005, Dok GJ f’page 165 u ċ-ċertifikat li ħareġ Dr. Causon fl-20 ta’ Ottubru 2003 a fol 166 u kienu ppreżentati minn Philip Micallef; iċ-ċertifikat ppreżentat ukoll minn Philip Micallef fis-seduta tal-15 ta’ Ġunju 2005 u li jinsab a fol 167 u l-pjanta li tinsab a fol 168; il-kopja

tal-mandat ta' inibizzjoni li d-difiza ppreżentat u li jinsab a fol 217 et.

Semgħet il-provi kollha bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensur u ta' l-abbli prosekutur

Ikkonsidrat

**Il-fatti fil-qosor huma dawn**

Michael Micallef kien għamel rapport fejn hu allega li waqt li kien qed isir xi xogħol fuq is-saqaf privat tiegħu fir-residenza Vassalli Street Żebbug, fejn dan l-istess Michael Micallef kien qed jgħin lil certu David Cortis, l-imputat Philip Micallef u t-tifel tiegħu Steven Micallef li huma missier u iben, daħlu mill-bieb adjaċenti ta' l-istess post fejn kien qed isir ix-xoghol. Dan il-bieb huwa propjeta' ta' l-imputati. Huma telgħu fuq il-bejt kif tahom parir l-avukat tagħhom ħalli jagħmlu dawn il-visti biex jikkonfermaw li ħadd ma kien qed jagħmel xi xogħol fuq il-propjeta' tagħhom. Philip Micallef ordna lil Michael Micallef biex jieqaf mix-xogħol li kien qed jagħmel għax allega li dak ix-xogħol kien xogħol llegali.

Michael Micallef baqa' għaddej bix-xogħol. Steven Micallef Zammit, it-tifel, meta ra lil missieru jipprova jgħid lil Michael Micallef biex jieqaf mix-xogħol u rah li kien ser iħebb għalih, dan Steven Micallef Zammit mar biex jipproteġi lil missieru. Huwa qabeż għal fuq is-saqaf. Ma setgħax jikkontrolla u dherlu li kellu jaqbad zewg bricks jekk mhux iktar u jneħħiehom minn fuq dan iċ-ċint u sabbathom għal fuq dan is-saqaf. Hawn hekk l-ispettur spjegat li kienu ser jittieħdu passi kontra Michael Micallef ukoll. Dan Michael Micallef kien allega li Steven u Philip kienu kissru xi bricks minn fuq dan ic-cint ghal fuq is-saqaf tiegħu privat. Dan il-bricks intefa' għal fuq is-saqaf tiegħu. Michael Micallef allega illi Steven Micallef u Philip Micallef kienu tajjrulu l-video camera li kienet f'idejh. Hu qal li saret ħsara fuq is-saqaf tiegħu kif wkoll fuq il-kamra u

appliances oħra li kienu go din il-kamra fejn intefgħu il-bricks għal fuq ix-xorok. Michael Micallef kien wkoll ppreżenta dokument oriġinali ffirmat mill-perit Borg li kien juri li biex tissewwa din il-ħsara jridu jissewwew iż-żewġ soqfa. Il-ħsara hija mifruxa mas-saqaf kollu u ma tkunx tista taqla' xi xorok mingħajr ma taqla' kollox. Kemm fl-istqarrijiet taż-żewġ imputati u kif wkoll fiċ-ċertifikat ta' Dr. Causon li jikkonferma li Michael Micallef kien ġarrab ġriehi ta' natura ħafifa.

Ix-xhud l-ispettur Maria Stella Cutajar kkonfermat li bieb li kien hemm jagħti aċċess għall-propjeta tas-sinjuri Micallef filwaqt li bieb iehor jagħti aċċess għall-propjeta' tas-sinjur Michael Micallef. Is-Sur Philip Micallef dejjem sostna li kien hemm dritt ta' passaġġ li hu komuni. Huwa kienu wrew lix-xhud l-arja tagħhom. Pero x-xhud qalet li hi mhix perit. Biss kif niżlet isfel indunat li s-saqaf jifforma parti minn fond fejn fil-fatt hemm aċċess minnu biss għall-imputati. Iż-żewħ imputati kienu qalulha li kien hemm mandat ta' inibizzjoni. Il-bricks li Michael Micallef allega li nqalgħu, huma bricks li ġew maqlugħa minn fuq il-bejt illi jidhru fir-ritratt bħala Dok JG1. Qalet ukoll li skond Michael Micallef, il-ħsara hija konsegwenza tal-bricks li kien twaqqa' minn Stephen Micallef Zammit. Fid-data ta' l-inċident Michael Micallef kien għaddielha video li l-pulizija kienu raw fl-għassa tas-Siggiewi. Ix-xhud qalet li ma rat xejn li kien qed jindika xi ksur mill-imputat kif wkoll mill-kwerelant (fol 24). Fid-dokument li jidher a fol 26 u 27 il-perit S Borg jghid illi fuq il-bejt twaqqgħu xi knaten tal-konkos li għamlu ħsarat serji fis-soqof tax-xork ta' din il-kamra. Hemm diversi xorok maqsumin. F'post wieħed l-impatt kien tant qawwi li x-xriek ċedew u waqgħu għal isfel u qasmu l-madum ta' l-art kif wkoll xriek wieħed mis-saqaf tal-kantina (fol 27).

### Stqarrija ta' Steven Micallef Zammit

Fl-istqarrija ta' Steven Micallef Zammit, Stephen Micallef Zammit qal illi missieru kien mar jkellem bil-kelma t-tajba lil Michael Zammit iżda dan beda jxejjer b'idejh u f'mument mar jiġri biex iġib pala u daqtejn ta' pala lil

missieru u weġġgħu f'idejh. Steven Micallef Zammit ħa l-pala minn idejn Michael Zammit. Missier Steven Micallef Zammit beda jiġbdu 'l isfel filwaqt li Michael huwa semgħu jgħid 'Ħa nisparalek'. Michael Micallef beda juża kliem oxxen u provokattiv. Steven MIcallef Zammit qal li tela' għalih waqt li missieru beda jżommu. Missier Steven wrieh fejn kien il-bejt tagħhom u qaleb l-ewwel filata li tikkonsisti fi tliet bricks filwaqt li Michael beda jghajjat biex jieqaf. U dan Michael imbotta żewġ bricksijiet lejn dan l-imputat. L-imputat waddab bricks għal fuq is-saqaf. Skond dan l-imputat Michael qabad il-camera u waddabha għal isfel, fol 29. Il-missier qatt ma waqqa' bricks waqt illli Steven Micallef Zammit kellu ċertifikat mediku u ammetta li ta bil-ponn ġo wiċċ Michael Zammit. Il-missier kien pprova jwaqqafhom il-ħin kollu.

**Stqarrija ta' Philip Micallef**

Dan l-imputat qal illi mar fil-fond 49 Vassalli Street Żebbuġ minħabba kawża ċivili pendenti kontra Michael Micallef fuq abbuż ta' bini li sar f'parti mill-propjeta tiegħu u wkoll fejn kien sar twaqqiegħ ta' saqaf. Michael Micallef huwa s-sid tar-residenza maġenb il-propjeta' ta' l-imputat. Dan l-imputat qal li kellu jieħu xi ritratti għal xi kostruzzjoni illi fuqha hemm mandat ta' inibizzjoni. Meta ried ikompli jimxi għal fuq il-bejt tiegħu, dan l-imputat ra ċint għoli madwar 4 filati u għal daqstant ma kienx hemm aċċess għalih u għall-familja tiegħu għal fuq is-saqaf tagħhom. L-imputat beda jgħid lil Michael Micallef biex jieqaf ħalli ma jiksirx il-mandat ta' inibizzjoni. Michael MIcallef kien qabeż għal fuq is-saqaf tiegħu u beda jattakka lil Philip Micallef u lil ibnu. Iben l-imputat qabeż għal missieru. Imbgħad Michael Micallef ġab pala u il-missier mar biex jifred lil Michael Micallef minn ibnu waqt illi l-missier ġarrab daqqa ta' pala fuq idejh b'ċertifikati mingħand it-tabib A Theuma MD. Il-missier semgħu jgħid li kien lest li jisparalhom dan Michael Micallef. Imbgħad beda jieħu bil-video camera Michael Micallef. It-tifel kien mar fuq is-saqaf tal-familja li kien imballat bil-bricks. Hu kien staqsa lil missieru jekk setgħax ineħħi l-bricks u l-missier qallu iva għax inkella ma għandniex aċċess biex immorru fuq is-saqaf. It-tifel

qaleb l-ewwel filata fuq is-saqaf ta' Michael Micallef, 3 jew 4 bricks. Michael Micallef ġibed bil-video camera, għamilha taħt planka u mar jattakkahom. Il-missier nnega li hu jew ibnu ħebbew għal Michael Micallef. Il-missier pero' ma eskludiex illi seta tah xi daqqiet ta' ponn. Dwar il-ħsara li saret fuq is-saqaf propjeta' ta' Michael Micallef, il-missier qal li għandu ritratti li dak is-saqaf kien mgħobbi b'terrapien u materjal sabiex jibni u għalhekk il-ħsara ma saritx bil-bricks li waqqa' t-tifel. Il-missier nnega li waqqa' l-bricks u nnega li miss xi bricks (fol 33 tal-process). A fol 35 jidher iċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr. Causon dwar Michael Mallia li dan kellu ġrieħi ħfief. A fol 36 tidher stima minn Victor Fenech Construction li hija quotation li turi is-somma ta' Lm1957. Warajha a fol 37 stima ta' ħsara fuq bieb ta' barra tal-kewba għal LM92. Stima oħra dwar lampa Chinese Style of frame li jammontaw għal LM440 u mill-World Marketing Services a fol 39 jidher ammont ta' LM45 għal iron board model 2100 li sofriet xi ħsara. Minn Tanti Ironmongery a fol 40 jidher ukoll ammont ta' LM7.46 u Kodak Express LM16.

Xehed ukoll PS225 Patrick Bonnici li mar fuq il-post u kellem lil Michael Micallef. Michael Micallef qal li waqt li kien qed itella'x-xogħol hu u certu Martin Cortis saritlu xi ħsara fuq is-saqaf għax kienu intefgħu xi bricks li allegatament kienu intefgħu mill-akkużati. Michael Micallef qal li intlaqtu xi xorok li waqqgħu anke xi affarijiet fuq xi għamara u prodotti domestici.

Xehdet ukoll WPC 253 Michelle Camilleri. Huma raw lill-imputati jillatikaw ma Michael Micallef u il-pulizija ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Mill-istess xhieda jirriżulta li Michael Micallef kien rċeva xi ramel u wara xi 15-il minuta li beda jħott kienu marru l-imputati. Dawn bdew jhedduh u joffenduh b'missieru u qalulu li kienu ser ikissrulu kollox. Huma qabzu ċ-cint għal fuq il-bejt ta' Michael Micallef u qabdu bricks u bdew jitfgħuhom fuq is-saqaf tiegħu.Bdew jagħtuh bil-ponn.

Xehed ukoll PC 503 Jurgen Pace dwar l-awtentiċita ta' l-istqarrija ta' Philip Micallef kif wkoll PC 163 Robert Azzopardi dwar l-istqarrija ta' Steven Micallef Zammit.

Xehed ukoll Marius Buhagiar li jieħu ħsieb il-klienti tal-World Marketing. Jikkonferma li kien ra l-ħsara fuq l-iron board u kkonferma wkoll il-prezz ta’ LM45. Huma kienu vverifikaw ma barra fuq hekk.

Xehed Mario Said li intwera stima fuq id-dokument mmarkat MSC4. Huwa kien mar fuq il-post u għamel quotation tal-ħsara li kien hemm. Dan rrefera kif jidher a fol 62 dwar spiża li bil-VAT b’kollox titla’ LM92.

Xehed ukoll PC 1597 Alfred Chetcuti li mar fuq il-post u semma l-verżjoni li tah l-imputat Philip Micallef. Dan qal li kien sab lil Michael Micallef jidderieġi lil tal-crane u jpoġġi materjal fuq il-ħwejjeġ ta’ Philip Micallef. Philip Micallef qallu illi Michael Micallef kien tah bil-pala u qallu li ser jisparalu bis-senter. Ix-xhud qal li ma kienx f’posizzjoni li jgħid ta’min hi l-propjeta. Qal ukoll li kemm Philip Micallef u t-tifel tiegħu kienu agressivi hafna. Min-naħa l-oħra Michael Micallef qal li kein fuq il-bejt tiegħu għax kienu ġabulu r-ramel u wara xi 15-il minuta li beda jħott telgħu Philip Micallef u Steven Micallef Zammit u bdew joffenduh. Huma qalulu li ser ikissrulu kollox. Huma qabzu c-cint għal fuq il-bejt ta’ Michael Micallef. Qabdu l-bricks li kellu fuq il-bejt tiegħu u bdew jitfughom fuq is-saqaf ta’ Michael Micallef. Imbghad bdew jaghtuh biul-ponn (fol 77).

Xehed Saviour Borg illi inġibditlu l-attenzjoni li d-dokument importanti kien dak li kien qiegħed a fol 27 u mhux dak ta’ fol 26. Dan kien mar fuq il-post (fol 84) u ra li kien hemm ħsara fuq is-saqaf tax-xorok ta’ din il-kamra għax kienu twaqqgħu xi bricks li għamlu ħsarat serji fis-saqaf tal-kamra ta’ fuq. Kien hemm diversi xorok maqsumin mal-kamra kollha. F’post wieħed l-impatt kien tant qawwi li x-xriek cedew u waqgħu għal isfel u qasmu l-madum ta’ l-art kif ukoll xriek wieħed mis-saqaf tal-kantina. Il-ħsarat saret minħabba twaqqiegħ ta’ bricks li jekk twaqqagħhom minn għoli mhux hazin jagħmlu impatt qawwi. Waqt li ma kellu ebda prova ta’ dan imma ra xi bricks li kienu twaqqgħu fuq il-bejt.

Xehed Michael Micallef li qal li d-dar hija waħda kbira u maqsuma b'wirt. Nofsha hija tiegħu u nofsha tgħajjat lilhom (fol 93). Hemm żewġ entraturi differenti u tinqasam right u left u fuqha hemm kwistjoni civili. Huwa qal li dejjem pprova jirranġa bil-kwiet u dejjem kien Philip Micallef li ried jirranġa bil-Qorti. U dak inhar kellmu b'mod li mhux xieraq. Huwa kien qabbad lil David Cortis iġiblu xogħol hemm hekk biex ikompli jiżviluppa l-parti tad-dar tiegħu. Huwa kien tella' xi bricks biex ir-ramel jitfgħu hemm. Kienu ġew Philip u t-tifel tiegħu u rawh fuq il-bejt u provokawh. Huma qalulu li ma jistax jaħdem ghax hemm hekk tagħhom waqt li l-imputat kien fuq il-bejt tiegħu. Huma kienu telgħu minn fuq il-bejt tan-naħa tagħhom. Hemm cint li dan ix-xhud kien fired il-bjut bih xi 16-il sena ilu. Dawn qabżu c-cint għal fuq il-bejt tax-xhud li fih qisu 5 metri b'7 metri u dan il-bejt huwa tax-xorok. Huma bdew jgħidulu biex jaqla' u jkisser għax hemm hekk kien tagħhom. Ix-xhud qal li dan kien fuq in-naħa tiegħu u ser jaqbżu ghal fuq il-bejt tax-xorok tieghu. Huwa beda jghajjat għax ma riedx li ssir hsara lix-xorok pero' ma tawx kasu. U qallhom mela allura l-ħsara li tagħmlu tridu tħallsu għaliha. Bdew jaqilgħu ic-cnagen. Kien hemm xi 8 knaten qalugħhom u bdew jitfugħhom naħa ġol-bitħa u naħa fuq il-bejt tax-xorok. U din il-parti hemm xi 4 xorok imkissrin u sa meta xehed dan ix-xhud kienu għadhom hekk, fol 99. Ix-xhud pprova jwaqqafhom u t-tifel mar jattakkah. Fuq il-bicca l-għolja kien hemm żewg filati knaten li forsi l-imputati ħasbu li huma xi cint imma dawn kienu biss ilqugħ biex ipoggi r-ramel. Dawn tefugħhom għal fuq ix-xorok. Kien hemm tisbita ta' xi 5 jew 6 filati (fol 99). Kantun huwa tad-disa' tad-dobblu u jizen madwar 40 kilos. A fol 101 ix-xhud Michael Micallef qal li t-tifel qabad jitfa' l-bricks u l-missier qallu itfa' għax hawn tagħna, qallu kisser. Skond dan ix-xhud qabad il-pala biex jidhol go fiha izda hasbu li kien ser jattakkahom biha. Haduhielu minn idejh u għandu daqqiet mal-bieb għax taw 11-il daqqa fuq il-bieb ta' l-aluminium. Ma kull daqqa bdew jgħidu noqtolk. Lilu ma laqtuhx bil-pala pero' taw 11-il daqqa ta' pala. Dan ix-xhud nizel isfel u mar iġib movie camera biex ikollu prova ta' x'ġara u ma garax. Malli tela' ma sabhomx fuq. Huwa qaghad jiehu video tal-garr tal-bricks u mar fuq in-naħa ta' cint għal barra u

rahom isfel. U ġibdilhom bicca film li juri lill-imputati ħdejn il-karozza tagħhom, (fol 102). It-tifel beda jgħidlu 'inzel minn hemm.' Reġghu telgħu ħdejh waqt li hu kien għadu fuq il-bejt tiegħu. Telgħu fuq il-bejt tagħhom, qabżu c-cint u daħlu fuq in-naħa tiegħu u reġgħu bil-provokazzjoni u swat. Tawh daqqiet bil-ponn ġo wiccu. Huma ppruvaw jeħdulu l-camera għax ix-xhud kien reġa ġabha u anke qabdu bricks biex jippruvaw ikissru l-camera (fol 103). Huwa tefa' l-camera u ġiet isfel u ma ġralha xejn għax waqgħet xi sitt piedi. Huwa ra li ma kienx ġralha ħsara għaliex ħadmet, fol 104. Anke isfel reġgħu niżlu warajh. Sa dan it-tant kkomunika malajr mal-pulizija u hawn hekk Philip kien qallu 'ara x'għamiltu'. Huwa ftakar li kien hemm bejn 12 u 15-il xriek miksur (fol 106). F'xi wħud minnhom deher id-dawl. Huwa kien ġab il-perit Saviouri Borg u gab lill-bennej tieghu. Il-perit ssuggerixxa li jinqalghu ix-xorok biex jara xi ħsara kien hemm. Il-bennej li qabbad kien Fenech Construction. Inkisru bejn 4 u 5 li huma kbar ħafna u hemm il-madum li ma tistax tqabblu. Taħt is-saqaf kien hemm xi nkwatri li saritilhom il-ħsara. Il-ħitan ma setgħux jitranġaw għax fihom il-gypsum. Kien hemm ukoll xi ħsara fuq il-bieb u ta' dan kellu stima mingħand mastrudaxxa tal-lostru.

Xehed ukoll il-perit AIC Godwin Abela maħtur mill-Qorti. Huwa qal li l-iktar ħaġa serja li kien hemm kienet toqba fis-saqaf kkawżata minn impatt ta'oggett tqil. Probabbilment waqgħu bricks jew tnejn fuq dan is-saqaf u sfronda t-torba u x-xorok li waqgħu fil-kamra ta' taħt. Kien hemm xi ħsarat oħra.

Id-difiza eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda dwar r-ricevuti kollha kif ppreżentati fl-atti (fol 125).

**Xhieda difiza**

Xehed Philip Micallef illi ppreżenta sitt ritratti, pjanta mmarkat JG, żewġ certifikati medici u kopja ta' pjanta esebita mmarkata bħala Dok DM9. L-imputat qal illi kien ħareġ mandat ta' inibizzjoni biex Michael Micallef ma

jkomplix jibni. It-tmien darba li mar sabu qed itella' l-materjal fuq parti mill-propjeta' tiegħu u ġibidlu l-attenzjoni. Michael Micallef qabez żewġt ibjut u mar jigri fuq il-bejt għal fuq l-imputat. Kienu inqalgħu tliet knaten. Il-knaten li nqalgħu huma minn fejn Michael Micallef għalaq il-passagg li bih wieħed ikun jista' jgħaddi għal fuq il-bejt ta' l-imputat. Hawn l-imputat jghid li l-parti tal-bejt li twaqqgħet fil-fatt hija l-parti opposta ta' fejn waqa' dan il-kantun. Hawn hekk intwera l-imputat il-ħajt li jagħlaq l-access għal fuq il-bejt tagħhom, jiġifieri ta' l-imputat u wera l-]ajt minn fejn inqaleb, Dok PM1. Dok PM2 huwa fejn hu miftuħ illum. Ir-ritratt PM5 juri l-ammont ta' aterjal li kien imtella' fuq il-parti tal-bejt. Skond dan ix-xhud kien Michael Micallef stess li waddbu fuq il-bejt. Fuq il-pjanta il-partijiet fejn huma bil-blu u bl-aħmar huma ta' l-imputat filwaqt li l-bqija huma tal-kwerelant u jidher li l-imputat biex jgħaddi għall-parti li l-Qorti qed timmarka bħala A, huma jgħaddu minn fuq il-bejt tiegħu. Din il-pjanta hija esebita bħala Dok JG. Michael Micallef kien dar minn fuq il-bejt ta' l-imputati għal fuq il-bejt tiegħu. 'Huwa qabeż eżatt tista tgħid minn dik il-parti fejn hemm il-ħsara u ġie jiġri għal fuq ic-cint fejn kont jiena'. Jiena jiġifieri x-xhud. Micallef kien wasal fuq ic-cint li kien bena biex jimpedixxi għax għamel tnejn biex jimblokka l-passaġġ, mhux wieħed, u tela' fuqu u kif wasal ħdejn ix-xhud li hu l-imputat, Michael Micallef xejjer siequ għal ġo wicc l-imputat. L-imputat reġa tah. It-tifel imbgħad gie biex jgħin lil missieru. It-tifel ta' l-imputat u Michael Micallef qabdu f'xulxin. Michael Micallef ħareġ pala u beda jxejjirha. Il-pala kienet tal-ħadid. Hawn hekk l-imputat Philip Micallef beda jgħid lil Michael Micallef li barra li kien kissirlu ħwejġu issa ser jkissirlu ġismu. Kieku ma kienx għall-intervent tat-tifel, lill-imputat kien iħallieh stordut. Il-pala, it-tifel ħadielu minn idejh. A fol 152 dan l-imputat qal illi t-tifel kien qala' xi tliet bricks. U l-missier qallu tkompli xejn għax dak mhux xogħolna. L-imputat qal li mhux veru li hu imbotta xi bricks. Ix-xhud qal illi meta tneħħew minn fuq il-ħajt u tpoġġew vicin, dawn il-bricks għadhom hemm hekk sa llum, fol 153. Waqt li kienu hemm hekk ma kien ceda l-ebda saqaf. L-imputat imbgħad mmarka bil-blu il-parti li ra tal-bejt sfrundata u mmarkaha bħala Z. Fejn inqalgħu il-bricks hija mmarkata B. Kien Michael Micallef illi rema' l-

camera stess li tiswa' madwar LM260 sabiex ikun jista' jmur jagħti lil Steven. L-imputat nnega li kien offenda lil Michael Micallef.

Fil-kontro eżami a fol 156 huwa qal li t-tifel beda jiftaħ fejn kien hemm il-passagg magħluq u qala' l-ewwel u t-tieni u t-tielet kantun. Ghal iktar mistoqsijiet a fol 157 l-imputat qal li l-ħsara kienet saret fejn kien waddab il-materjal Michael Micallef. Hawn hekk reġa qal li Steven qala' l-ewwel tliet bricks billi ġibidhom b'idejh u qal li dawn qegħdin hemm hekk. Huwa nnega li ibnu kien tefagħhom. Ibnu qala' tlieta u l-bennej qalgħu ohrajn. Hawn hekk il-prosekuzzjoni qrat l-istqarrija li kien għamel l-imputat stess lill-pulizija u kkonfermaha kollha kemm hi. A fol 166 hemm certifikat ta' Dr. Causon li juri li l-imputat kellu small abrasions fil-palma ta' idejh. Minn St. Luke's Hospital, slight injuries wkoll ffirmat minn Dr. Theuma.

Xehdet l-ispettur Maria Stella Cutajar a fol 171 sa 177. Din tkellmet dwar il-video illi kienet rat fl-għassa tal-pulizija pero' dan ma tantx għen biex jiccara l-affarijiet. Wkoll meta ppruvat jisslowjaw il-video, xorta l-affarijiet ma dehrux cari. Il-video ma jindika xejn fuq il-ħsarat. Skond dan ix-xhud dan il-video kien ġibdu Michael Micallef pero lanqas fil-proceduri tiegħu ma ntuża. A fol 175 hi kkonfermat li sakemm waslu huma is-saqaf kien għadu ma waqax. Ix-xhud qalet li meta marru fuq il-post raw konsenturi fuq il-bejt, raw ukoll xi xaħx, ramel u bricks imkissrin pero meta marru huma ma ratx l-ebda cangaturi. Dan huwa post antik u ma rat ebda ġebel kbir u imdaqqas li waqa' gewwa. Hi kienet daħlet ġewwa mal-kwerelant Michael Micallef. Kien hemm tifrik zgħir. Ma kien hemm ebda kollaġġ kbir. Kien hemm konsenturi u kien hemm ġebel zgħir li dan waqa' u fil-fatt rrizulta li meta twaqqgħu il-bricks jew issabbtu b'certu saħħa, fol 176. Ir-ramel kien stivat. Dwar it-tifrik li kien hemm isfel, hemm ritratti li jiffurmaw parti mill-process. Hawn ritratti li juri l-konsenturi u t-tifrik.

Xehed Steven Micallef l-imputat l-ieħor a fol 179 sa fol 210. Ikkonferma li kien hemm pendenzi civili fuq il-post u li l-papa kien imur biex jara x'xogħol qed isir. Meta ġara l-

incident Michael Micallef kien qed idaħħal xi terrapien u bricks. U Michael Micallef qal lil missieru min jaħseb li hu għaliex missier l-imputat kien qallu isma aħjar tieqaf minħabba il-mandat ta’ inibizzjoni. Michael Micallef kien xejjer daqqa ta’ sieq lil missieru meta kien qagħad fuq il-ħajt li jifred il-bjut. Missier l-imputat Steven Micallef waqa’ ma l-art u imbgħad daħal Steven Micallef bejniethom. Michael Micallef kien ħareġ bil-pala għalihom u Steven Micallef kien qabeż u ħadlu l-pala. Huma u neżlin ‘l isfel, Michael Micallef qallhom li ser jisparalhom. A fol 185 dan ix-xhud qal illi qala’ tliet bricksiet minn fuq il-ħajt li kien jifred il-propjeta tagħhom mill-propjeta ta’ Michael Micallef. Hu qal li niżżilhom fil-propjeta’ tagħhom stess. Il-bricks kienu impoġġija biss. Huwa caħad illi waddab xi bricks. Sena u nofs wara huma kienu raw is-saqaf imwaqqa’ meta marru mal-perit. L-imputat qal li minn fejn kien hemm il-ħsara ghal fejn kellhom xi jgħidu hemm il-bogħod. Huma kellhom xi jgħidu fuq wara l-bejt mhux fuq quddiem tal-bejt, fol 187. Huma kellhom xi jgħidu fuq in-naħa ta’ wara filwaqt li s-saqaf li raw imwaqqa’kien fuq in-naha ta’ quddiem. Kienet inqratlu l-istqarrija li kien għamel lill-pulizija u a fol 190 hu qal li jiena qbadt bricks minnhom u waddabtha lil hemm fuq is-saqaf. Hawn hekk l-imputat qal ‘is-saqaf tan-naha taghna li jigi fuq in-naha l-ohra.’ Hu qal li din kienet fuq in-naha taghhom. A fol 191 huwa spjega li minn fejn qala’ l-bricks hu t-tlieta ghal fejn waddablu l-bricks Michael MIcallef hemm bicca ohra. Hawn hekk spjega wkoll li l-bricks kienu imqegħdin fuq taraġ, kienu used bricks. A fol 64 huwa qal illi kien jidher minn fejn qala’ it-tliet bricksiet u l-kostruzzjoni hija dik li qalu li mhux suppost kienet hemm. Hawn hekk ix-xhud indika is-saqaf fejn kien tefa’ l-bricks li tiġi parti mid-dar. Huwa qal li kien hemm il-bejt tal-familja tieghu kollu fejn sar l-incident, u imbgħad qal illi qed jghidu li sfronda. U l-bejt li kien qed jidher huwa taghhom stess, ara fol 116 u 117.

Fil-kontro eżami a fol 201 dan ix-xhud qal fejn hemm mitfugħ ir-ramel ma l-art fuq is-saqaf ma jafx jekk hux il-propjeta ta’missieru jew le. Kien jaf biss fuq is-saqaf fejn kien hu. U baqa’ jinsisiti l-argument kein fuq il-propjeta tagħom stess. Hu ma kienx bogħod minn fejn kien hemm

ir-ramel u bricks. Huma kienu fejn il-hajt li kien waqqa' hu stess ġol-propjeta' tagħhom stess. A fol 202 ix-xhud qal li l-argument seħħ wara l-hajt u imbgħad qabżu fuq il-hajt wara. Huwa qal li l-bricks kien imbuttahom b'idejh u qalibhom ghal isfel, fol 203. Hu qal li qalibhomghal got-toilet taghhom stess. Muri Dok PM3 huwa qal li dak kien ic-cint fejn waqqgħu il-bricks. Meta intwera Dok PM2 qal li dawk li kien qala' hu. Hu qal li qalibhom 'l ġewwa. Hu qal li sabu ruħhom fuq is-saqaf li hu toilet tal-familja stess. Dwar il-bricks l-ieħor imxellef jekk kienx relatat jew le ma kienx jaf. Huwa kien qala' tlieta, l-ewwel tliet filati. Tliet filati bi tnejn, bejn wieħed u iehor sitt bricksiet. Michael Micallef kien qallu biex jieqaf. Huwa qal li Michael Micallef kien imbotta żewġ bricksiet għal fuq l-imputat u wahda minnhom kien imbuttaha l-imputat stess. Huwa nnega li qal kliem indecenti. Huwa kien wkoll imbotta lil Micahel Micallef u tah xi daqqa ta'ponn. Bhal ma kien qala' hu, l-imputat kien ta wkoll. L-avukat difensur qallu biex jikkonferma jew le jekk dak is-saqaf tat-toilet li fuqu waqgħu il-bricks li kien neħħa l-imputat stess, kienu daħlu fih mal-ispettur u hawn ix-xhud qal iva. U spettur kien hemm l-ispettur Maria Stella Cutajar magħhom. U fuq dak il-bejt ma kienx hemm ħsarat.

Id-difiza permezz ta' Dr. Joseph Giglio ppreżentat kopja ta' żewġ dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma mandati ta'inibizzjoni li Joseph Edward u Philip aħwa Micallef kienu għamlu kontra Michael Micallef.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni l-prosekuzzjoni għamlet referenza għall-atti kif inhuma filwaqt li d-difiza qalet li minkejja l-mandat ta' inibizzjoni, Michael Micallef baqa għaddej bix-xoghol. It-tieni ħaġa li qalet id-difiza hija li dwar l-imputazzjonijiet 4, 5, 6 u 7, minħabba illi ic-citazzjoni oriġinali kienet ħarġet difettuża mingħajr id-data 2003, allura meta peress li dawn kienu kollha kontravenzjonijiet, dawn kienu preskritti. Għaliex meta giet korretta ic-citazzjoni kienu għaddew iktar minn tliet xhur mill-20 ta'Ottubru għaliex din kienet korretta fit-3 ta' Frar 2004. Id-difiża qalet ukoll li ma hemm ebda ness li l-ħsara li saret fil-post kienet riżultat ta'

azzjoni li għamlu l-imputati u dan minħabba li meta marru WPC253 Camilleri u PS159 Chetcuti ma sabu ebda saqaf sfrundat u dawn kienu l-ewwel nies li marru fuq il-post. Il-perit kien mar sena u nofs wara. Id-difiza qalet li hemm mistoqsija kbira dwar min ghamel il-ħsara u t-tieni jekk il-ħsara kinitx volontarja jew le.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

**Ħsara Volontarja. Artikolu 325 mogħti mill-Avukat Ġenerali.**

Il-Prosekuzzjoni pproduċiet diversi provi tal-ħsara lik seħħet fil-fond.

L-ewwelnett il-Perit Borg kien mar immedjatament fuq il-post (23 t'Ottubru 2003) (fol.27 u fol.85) fejn ikkonstata li fuq il-bejt kienu twaqqgħu 'xi knatan tal-konkos (bricks) li għamlu ħsarat serja fis-saqaf tax-xork ta' din il-kamra. Hemm deiversi xoror maqsumin mqasmma mal-kamra kollha. F'post wieħed l-impatt kien tant qawwi li x-xriek ċedew u waqgħu għal isfel u qasmu l-amdum ta' l-art kif ukoll xriek wieħed mis-saqaf tal-kantina.'

Meta xehed il-Perit Borg qal li l-ħsara ġrat minħabba li twaqqgħu bricks ta-ddisgħa u li jekk dawn jitwaqqgħu minn għoli mhux ħażin dawn jagħmlu impatt qawwi. (fol.86) Jekk dawn sempliċiment jitpoġġew, dawn ma jagħmlux ħsara, (fol.86). Ir-rapport tal-Perit Borg kien sar immedjatament.

It-tieni, il-Perit Godwin Abela, maħtur mill-Qorti, aċċeda fil-psot fil-11 ta' Ġunju 2004 u kkonstata toqaba fis-saqaf fejn keinu neqsin erba' xorok li waqgħu flimkien mad-deffun u li seba' xorok oħra fl-istess parti tas-saqf kienu mxaqqin u jridu jinbidlu. Dan il-materjal waqa' ġol-kamra fl-ewwel sular fejns aret xi ħsara lill-inkwatri u lampa kif ukoll ksur tal-ħġieġ ta' tieqa ta' ħdejn il-bieb ta' barra. Kien hemm

xquq oħra fil-kumplament tas-saqaf. Ħames xorok fil-basement kienu mxaqqin.

Il-Perit Abela ikkonkluda li t-toqba fis-saqaf kienet ikkawżata minn bricks minn bricks li ntefa' fuqha. Huwa stabilixxa wkoll li parti minn ħajt tal-bejt diviżorju mibni mill-briks kien imneħħi kif ukoll opramorta żgħira li twaqqgħet fqu parti mill-bejt f'livell aktt baxx. Fuq din l-opra morta kien hemm tip ta' rużetta tal-ġebel li twaqqgħet u tkissret. Il-bieb ta' l-aluminium li jagħti għal fuq il-bejt kien miksur.'

Minn dan jidher li ż-żewġ Periti qablu dwar il-ħsara, fejn saret il-ħsara u kif saret il-ħsara.

Il-Qorti qed toqgħod fuq relazzjoni peritali aktar minn fuq impressjonijiet li taw l-Ispettur Marija Stella Cutajar fil-kontro-eżami (fol.171 et) u kwalunkwe xhud ieħor. Dawn mhumiex professjonalment kwalifikati, mhumiex esperti u ma jistgħux jitkellmu dwar xquq f'xorok li għall-bżonn għaddew minn fuqhom jew minn taħthom bla ma ndunaw bil-perikolu.

Barra x-xhieda tal-Periti l-Prosekuzzjoni tellegħet lil Michael Micallef jixhed (fol91 -112) u l-verżjoni ta' dan ix-xhud il-Qorti ssibha ħafna aktar kredibbli minn kif xehdu l-imputat. Dan swpejga li l-bejt tieħgu huwa tax-xorok (fol93), amrru fuq il-bejt tiegħu u sema' lill-imputati jgħidu 'Aqbad aqla' għax hawn tagħna.' Fl-istess fol. ix-xhud spjega kif l-imputati qalgħu xi tmien knaten naħa ġol-bitħa u naħa fuq il-bejt tax-xorok b'erba' xorok jibqgħu mkissrin sal-jum li fh xehed. Kienhemm żewġ filati knaten iservu ta' lqugħu għar-ramel u dawn l-imputati tefgħuhom għal fuq ix-xorok. (fol.99) Kienu tkisrru 10 xorok b'żewġ filati għax taħt il-ħnejja u sfrond s-saqaf. Ix-xhud qal li ż-żewqġ imputati waddbu. (fol.100 u 101). Il-missier kien qal lit-tifel 'Itfa' għax hawn tagħna. Kisser.' L-imputatai qabdu l-bricks biex ikissru l-camera tax-xhud. A fol.105 qalilhom' Araw x'għamiltu u ħallsu tal-ħsara li għamiltu.'

Kien **wara li** xehed Michael Micallef li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża biex jinħatar Perit. U dan il-

Perit xehed **wara li** kien xehed Michael Micallef . Ir-rapport tal-Perit ta’ l-estensjoni tal-ħsara jaqbel ma’ dik deskritta minn Michael Micallef. Il-kawża tal-ħsra hija t-tfigħ ta’ bricks. Michael Micallef identifika min kien waddab il-bricks.

Skond l-istqarrija ta’ Philip Micallef ‘Steven qaleb l-ewwel fialta gaħl fuq is-saqaf ta’ Michael Micallef. Dawn kienu madwar tleita jew erba’ bricks. (fol.32) Huwa ċaħad li miss xi bricks. Huwa qal ukoll li s-saqaf kien mgħobbi bil-bricks u li Michael Micallef ‘ma kellux is ix-xoqqa f’moxta sabiex jgħid li ħsara kienet konsegwenza tal-brikcs li waqqa’ ibni.’ (fol.33).

Skond l-istqarrija ta’ Steven Micallef: (a) Michael Micallef mar iġib il-pala u laqat lil missier l-imputat f’idu’ (b) li Michael Micallef qallu li ħa jisparalu (fol.28); u li hu (Steven Micallef) ma felaħx jisma’ lil Michael Micallef joffendi lil missieru u tela’ għal Michael Micallef. Fi kliem dan l-imputat:

**‘Jien qlibt l-ewwel filata li tikkonsisti fi tliet briksiet u Michael Micallef beda jgħidlu ‘leqaf, ieqaf, U waqt li kont qed nitkellem Michael kien fit-taraġ bil-camera f’idu u nbotta żewġ briksijeit lejja għal fuqi. Jien qbadt briksa minnhom u waddabtha ‘l hemm fuq is-saqaf.’**

Steven Micallef qal li missieru ma kienx waddab bricks u li hu (Steven Micallef) kien ġarrab xi ġrieħi.

Il-Qorti wiżnet dan kollu u dak li xehdu l-imputati.

Philip Micallef xehed ‘Le, le. Il-kantun niżżlu għal ħdejh fejn il-ħajt. Michael Micallef waddbu fuq il-bejt stess (fol.144). Ir-ritratt numru PM 5 juri ammont ta’ materjal fuq il-bejt (fol.144). Ibnu qalu tleit bricks u l-missier qallu biex jieqaf. (fol.152). Huwa nnega li warrab il-bricks. (fol.152). Waqt li kien hemm hu ma ċeda ebda saqaf u li l-bricks għadhom hemm għax tpoġġew viċin. (fol.153). Żied jgħid

ukoll li t-tifel beda jiftaħ fejn hemm il-passaġġ magħluq u qala’ l-ewwel u t-tieni kantun.’ (fol.156)

Steven Micallef xehed li missieru kien ħataflu l-pala minn idejh u remiha ‘l bogħod. Huwa qala’ tleit briksiet minn fuqu u niżżilhom fuq il-propjeta’ tal-familja teigħu. (fol.185). Huwa nnega li waddab xi bricks. (fol.185). Huwa kein ra s-saqaf imwaqqa’ sena u nofs wara. (fol.186) Is-saqf li raw imwaqqa’ kein fuq in-naħa ta’ quddiem. Huwa speja woll li l-briks kien waddabha għan-naħa tagħhom. (fol.190) Xehed ukoll li waddab xi bricks fuq id-dar tal-familja tiegħu. (fol 194). A fol.203 Steven micallef xehed ‘Imbuttajthom b’idejja u qlibthom għal isfel.’ Omissis ‘Għal ġot-toilet taħgna stess. A fol.205 l-imputat qal li qala’ l-ewwel tliet filati.’ U ‘Sitt briskiet niżlu fuq is-saqf mill-ewwel.’ (fol.205).

Il-Qorti ma ssibx ix-xhieda mogħtija minn Philip Micallef u Steven Micallef bħala veritjiera. Skond il-Periti, il-ħsara ma saritx għax Michael Micallef poġġa l-materjal iżda għaliex twaddbu bricks li għamlu l-ħsara. Dawn il-bricks ma tpoġġewx ma’ l-art bil-mod – kif iridu jgħidu l-imputati – iżda twaddbu bis-saħħa. Ukoll jekk xi bricks waqgħu fin-naħa tal-parti tad-dar ta’ l-imputati, ma jfissirx li oħrajn ma waqgħux fuq il-bejt ta’ Michael Micallef. L-ispjegazzjonijiet mogħtija matul ix-xhieda huma biss irtokki għal dak li Steven Micallef kien qal fl-istqarrija tiegħu. Ma jagħmel ebda sens li taqleb il-bricks għal fuq il-bejt tiegħek stess jew li twaddab il-bricks ‘l hemm fuq is-saqaf’ jekk dan mhux ta’ ħadd ieħor.

**Steven Micallef Zammit**

B’mod partikolari Steven Micallef ħa l-liġi b’idejh meta mar u qala’ t-tliet filati (għaliex fil-kontra eżami minn tliet briksiet spiċċaw tliet filati). Ukoll jekk il-Qorti tiskarta għal kollox l-istqarrija li għamel Philip Micallef (għaliex din għandha tapplika għalih biss) u toqgħod fuq:

(a) Ix-xhieda taż-żewġ periti dwar l-ammont tal-ħsara u ta’ kif saret il-ħsara;

(b) Ix-xhieda ta’ Michael Micallef dwar kif saret il-ħsara;
(ċ) L-istqarrija ta’ Steven Micallef dwar kif saret il-ħsara;
huwa biżżejjed għal din il-Qorti biex tikkonkludi li Steven Micallef Zammit huwa ħati ta’ ħsara volontarja.

Steven Zammit Micallef ma kienx qed jirreaġixxi biex jiddefendi ruħu. Ried ineħħi dak li deherlu kien mibni meta mhux suppost inbena u qabad u waddab il-briks bir-riżultati deskritti mill-periti u bil-ħsarat konsegwenzjali li l-valur tagħhom jitla’ għal Lm2556.44. Il-Qorti mhix taċċetta li l-ħsarat seħħew b’xi mod ieħor.

Il-Qorti qed teżamina wkoll jekk l-imputat kienx taħt provokazzjoni ai termini ta’ l-artikolu 325 tal-Kap 9. L-imputat sab ruħu quddiem bniedem li kien qed jikser il-mandat ta’ inibizzjoni u li wera ruħu aggressiv ma’ missieru. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-iskużanti tal-provokazzjoni ai termini ta’ l-artikolu 325 tal-Kap 9 tgħodd f’dan il-każ.

**Phillip Micallef**

Skond l-evidenza ta’ Michael Micallef, dan l-imputat waddab il-bricks ukoll. Kien ukoll l-istess Philip Micallef li, skond Michael Micallef, indika lil ibnu fejn hi l-propjeta’ tal-familja u qal lil ibnu biex jaqla’ u jkisser.

Philip Micallef innega dan kollu fl-istqarrija stess għaliex qal li ma miss ebda briksa hu. (fol.33).

Il-Qorti għandha xi ftit tad-dubju dwar ir-rwol ta’ Philip Micallef, jiġifieri dwar x’għamel aktar milli talab lil Michael Micallef jieqaf mill-bini minħabba l-Mandat tal-Qorti. Hemm xi ftit tad-dubju jekk hemmx provi biżżejjed biex jinstab attur jew kompliċi. Minħabba dan id-dubju l-Qorti qed teħles lil dan l-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni Imputazzjoni. Artikolu 85 mogħti mill-Avukat Ġenerali**

Skond il-ġurisprudenza tagħna, l-elementi tar-ragion fattasi huma tlieta:

‘(1) Att estrem li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta’ dan il-ħadd ieħor;
(2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b’eżerċizzju ta’ dritt;
(3) il-koxjenza fl-aġent li hu qed jagħmel ‘di privato braccio’ dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika.
(4) In-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Hu risaput li l-istess att materjali jista’ jagħti lok għar-reat ta’ ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq) u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta’ ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni ta’ l-aġent. Hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika.’[1]

Il-fatti diġa’ kien hemm sommarju tagħhom fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti hija soddisfatta li l-ewwel tliet elementi jissusistu fil-konfront ta’ Steven Micallef Zammit. Il-mandat ta’ inibizzjoni ma jagħtix lil min ikun tlabu xi titolu għaliex dak il-mertu jkun għadu jrid jiġi deċiż. Meta l-imputat Steven Micallef Zammit żarma l-filati għaliex hu nsista li hu u familtu kellhom dritt jgħaddu minn hemm jammonta għar-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9 b’dan pero’ li l-Qorti qed tqis dina l-imputazzjoni bħala assorbita fl-ewwel waħda ai termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Min-naħa l-oħra l-Qorti mhix issib lil Philip Micallef ħati taħt dan l-artikolu għaliex fiżikament huwa ma ħatt xejn u hemm xi ftit tad-dubju jekk jistax jitqies kompliċi.

**It-tielet imputazzjoni – Ferita Ħafifa Artikolu 221 mogħti mill-Avukat Ġenerali.**

Il-Prosekuzzjoni pproduċiet ċertifikat iffirmat minn Dr.Causon li Michael Micallef kellu ferita ħafifa. Id-difiża

---

[1] Il-Pulizija versus Mario Bezzina 26 ta’ Mejju 2004 Qorti ta’ l-Appell Kriminali L-Imħallef Dr.David Scicluna.

pproduċiet ċertifikati li juru li l-imputat Philip mIcallef kellu wkoll feriti ħfief.

Steven Micallef Zammit kien stqarr li 'tnejn ħebbew għal xulxin' u li hu kien ta lil Michael Micallef daqqiet ta' ponn bħalma kien tah hu.

Jirriżulta mill-evidenza li Michael Micallef kien imbotta lil Philip Micallef u anke laqtu bil-pala f'idejh.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 221 qed tillibera lil Philip Micallef minn din l-imputazzjoni, qed issib lil Steven Micallef Zammit ħati taħt dan l-artikolu u taħt it-tielet imputazzjoni b'dan pero', li wara li rat l-artikolu 233 (2) ma ser tikkundannah għall-ebda piena.

**Ir-raba', il-ħames, is-sitt, u s-seba' imputazzjoni – artikoli 338(bb), 339(1)(b), 342 u 338(dd) tal-Kap 9 mogħtija mill-Avukat Ġenerali.**

In vista tal-korrezzjoni magħmula fiċ-ċitazzjoni dwar iż-żieda tal-kelma '2003' u in vsita tal-fatt li għalhekk l-imputati kienu notifikati biċ-ċitazzjoni kif korretta fit-3 ta' Frar 2004 u ġaladarba dawn huma kollha kontravenzjonijiet, id-difiża ssottomettiet li dawn il-kontravenzjonijiet huma preskritti għaliex leħqu għaddew aktar minn tliet xhur bejn meta seħħu l-allegati kontravenzjonijiet u n-notifika tagħhom. (Ara fol.7). Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 688(f) tal-Kap 9 qed tiddikjara li dawn il-kontravenzjonijiet huma preskritti u qed tillibera lill-imputati minnhom.

Konklużjoni

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 325(1)(a) u l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, 85, 221, 338(bb), 339(1)(b), 342, 338(dd), 233(2), u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9)

**Fil-konfront ta' Philip Micallef**

Qed tilliberah minn kull imputazzjoni.

**Fil-konfront ta’ Steven Micallef Zammit**

qed issibu ħati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet 4, 5, 6 u 7 u dwar it-teinet imputazzjoni mhix ser tinponi ebda kundanna ai termini ta’ l-artikolu 233(2). Dwar il-piena, qed tikkundanna lill-imputat Steven Micallef Zammit għal piena ta’ priġunerija ta’ sentejn li huma sospiżi għal erba’ snin u dan ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9. Ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kap 9 qed tobbliga lill-imputat li jħallas is-somma ta’ Lm2556.84 (elfejn ħames mija u sitta u ħamsin lira Maltija u erbgħa u tmenin ċenteżmu) lil Steven Micallef Zammit fi żmien sitt (6) xhur mil-lum. Dan l-imputat qed jintrabat b’din l-obbligazzjoni hawn aġġunta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------